



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9818/23

COMPET 509
MI 455
ENT 110
EDUC 199
ETS 4
JUR 345

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Mejju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 3276 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI ta' 23.5.2023 li temenda u tikkoreġi d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prova ta' kwalifiki formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 3276 final.

Mehmuż: C(2023) 3276 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.5.2023
C(2023) 3276 final

DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI

ta' 23.5.2023

li temenda u tikkoreġi d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prova ta' kwalifiki formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat jemenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali¹. Dan isegwi n-notifiki mill-Istati Membri tal-lista ta' titoli professjonali li jikkwalifikaw għar-rikonoxximent awtomatiku f'konformità mat-Titolu III, il-Kapitolu III tad-Direttiva.

Id-Direttiva 2005/36/KE, li daħlet fis-seħħ fl-20 ta' Ottubru 2005, tipprevedi li seba' professjonijiet settorjali (il-periti, it-tobba tal-mediċina, it-tobba dentisti, il-qwiebel, l-infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, l-ispiżjara u l-kirurgi veterinarji) jistgħu jikkwalifikaw għal rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki tagħhom fi Stat Membru ieħor. Dak ir-rikonoxximent awtomatiku jsir diment li dik il-kwalifika tissodisfa r-rekwiżiti minimi tat-taħriġ stipulati fit-Titolu III, il-Kapitolu III, is-Sezzjonijiet 2 sa 8 ta' dik id-Direttiva.

L-Artikolu 21(7) ta' dik id-Direttiva jeżiġi li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe dispożizzjoni leġislattiva, regolatorja u amministrattiva li l-Istati Membri jadottaw għall-ħruġ tal-prova ta' kwalifiki formali li jgawdu minn rikonoxximent awtomatiku. Imbagħad il-Kummissjoni tevalwa dawk is-sottomissjonijiet u tqabbilhom mar-rekwiżiti minimi tat-taħriġ.

Id-Direttiva 2005/36/KE ġiet emendata bid-Direttiva 2013/55/UE, li daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Jannar 2014². L-Artikolu 21a(3) tad-Direttiva 2005/36/KE jistipula li l-Istati Membri għandhom jużaw is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern biex jinnotifikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward il-ħruġ tal-prova ta' kwalifiki formali fil-professjonijiet koperti mill-Kapitolu III. L-Artikolu 21a(4) ta' dik id-Direttiva jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex taggħorna l-punti rilevanti tal-Anness V.

S'issa, ġew adottati ħames Deċiżjonijiet Delegati³ bir-reġim il-ġdid stabbilit bid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2013/55/UE.

Wara talba mingħand l-Istati Membri biex l-Anness V jiġi aġġornat b'mod regolari, idealment darba fis-sena, bit-titoli ġodda u emendati li jkunu nnotifikaw, hemm bżonn issir Deċiżjoni Delegata ġdida. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni Delegata tikkonsolida t-titoli professjonali qodma, ġodda u emendati kollha li kienu nnotifikati sa Awwissu 2022.

It-tibdil propost fl-Anness V jirrifletti programmi li l-Istati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni, u li l-Kummissjoni approvat bħala programmi li jilħqu r-rekwiżiti tat-taħriġ minimi armonizzati miftiehma. Fil-każ tal-periti tapplika proċedura differenti, meta l-Istati Membri jiġu kkonsultati dwar jekk fl-Anness V għandhomx jiġu inklużi titoli jew programmi ġodda.

¹ Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

² Id-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 132).

³ Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2016/790 tat-13 ta' Jannar 2016 (ĠU L 134, 24.5.2016, p. 135), id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/2113 tal-11 ta' Settembru 2017 (ĠU L 317, 1.12.2017, p. 119), id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/608 tas-16 ta' Jannar 2019 (ĠU L 104, 15.4.2019, p. 1), id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/548 tat-23 ta' Jannar 2020 (ĠU L 131/1, 24.4.2020, p. 1) u d-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/2183 tal-25 ta' Awwissu 2021 (ĠU L 444, 10.12.2021, p. 16).

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar dawn l-emendi tal-Anness V permezz tal-grupp ta' esperti rilevanti ("Grupp ta' koordinaturi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali"⁴) u l-Istati Membri ma kellhom l-ebda oġġezzjoni.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Din id-Deċiżjoni Delegata hija bbażata fuq l-Artikolu 21a(4) tad-Direttiva 2005/36/KE, kif emendata. Dak l-Artikolu jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 57c ta' dik id-Direttiva biex temenda l-punti 5.1.1 sa 5.1.4, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.5.2, 5.6.2 u 5.7.1 tal-Anness V. Dawk il-punti jikkonċernaw l-aġġornament tat-titoli adottati mill-Istati Membri għall-prova ta' kwalifiki formali u, meta xieraq, il-korp li joħroġ il-prova ta' kwalifiki formali, iċ-ċertifikat li jakkumpanjahom u t-titolu professjonali korrispondenti.

⁴ Kif stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/172/KE tad-19 ta' Marzu 2007 għall-ħolqien ta' grupp ta' koordinaturi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali (ĠU L 79, 20.3.2007, p. 38).

DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI

ta' 23.5.2023

li temenda u tikkoreġi d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prova ta' kwalifiki formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 21a(4) tagħha,

Billi:

- (1) L-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE fih lista tal-provi ta' kwalifiki formali tat-tobba tal-mediċina, tal-infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, tat-tobba dentisti, tal-kirurgi veterinarji, tal-qwiebel, tal-ispiżjara u tal-periti.
- (2) Id-dispożizzjonijiet emendati notifikati huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 24, 25, 28, 31, 34, 35, 38, 40, 41, 44 u 46 tad-Direttiva 2005/36/KE.
- (3) Għalhekk, l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE jenħtieġ li jiġi emendat.
- (4) Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/2183⁶ biddlet l-ortografija ta' diversi entrati ta' Malta u entrata waħda tal-Iżvezja tal-prova ta' kwalifiki formali fl-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE, bħala riżultat ta' żball waqt it-traduzzjoni ta' dik id-Deċiżjoni Delegata. Dan jikkonċerna l-entrati ta' Malta għal taħriġ mediku bażiku, l-ostetrija u l-ginekologija, il-fiżjoterapija, id-dermatovenerologija, il-veneroloġija, il-mediċina tal-inċidenti u tal-emerġenza, l-ortodonzja, l-infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, it-tobba dentisti, l-ispiżjara, il-qwiebel u l-periti, u l-entrata tal-Iżvezja għall-ġenetika medika. Jenħtieġ li daww l-iżbalji jiġu kkoreġuti.
- (5) Għal raġunijiet ta' ċarezza u ċertezza legali, jenħtieġ li jiġu sostitwiti l-punti rilevanti kollha tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE dwar il-prova ta' kwalifiki formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ.
- (6) Għaldaqstant, id-Direttiva 2005/36/KE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE huwa emendat u kkoreġut f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

⁵ ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

⁶ Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/2183 tal-25 ta' Awwissu 2021 li temenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prova ta' kwalifiki formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ (ĠU L 444, 10.12.2021, p. 16).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 23.5.2023

Għall-Kummissjoni
Thierry BRETON
Membru tal-Kummissjoni